MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tal-15 ta' Gunju, 2012

Numru. 72/2012

Il-Pulizija
(Sp Maurice Curmi)
vs
Alfred Vella, iben Carmel, imwieled il-Mellieħa fid-29 ta' Novembru, 1957, karta ta' l-identita numru 18758(M)
u
Joseph Vella, iben Carmel, imwieled il-Mellieħa fl-1 ta' Ottubru, 1953, karta ta' l-identita numru 709153(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkuża kontra l-imputati talli bejn Ottubru, 2004 u Settembru, 2010 f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, iżda li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda, fil-kapaċita' tagħhom personali, kif ukoll bħala diretturi tas-soċjeta' Fithome Limited, approprjaw ruħhom, billi dawwru bi profit għalihom jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta'

ħaddieħor li kienet ġiet fdata jew ikkunsinnjata lilhom taħt titolu li jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat u cioe' ma ħallsux lid-Dipartiment tal-VAT is-somma totali ta' €24,004.

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta' Mejju, 2012 fejn il-Qorti ġiet infurmata li ħallsu dak kollox dovut fil-ġurnata tat-12 ta' Jannar, 2012.

Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta' Ġunju, 2012 fejn l-imputati ammettew l-akkuża miġjuba kontra tagħhom.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputati dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputati ħatja tal-akkuża miġjuba kontra tagħhom. Rat l-artikolu 294 tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahomx għal piena karċerarja iżda tilliberhom taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmlux reat ieħor fi żmien tlett snin mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------